MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Numru 530/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla )**

**vs.**

**Anne Antide Calleja**
**Grace Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Anne Antide Calleja** ta’ ghoxrin (20) sena, bint Andrew u Maria nee’ Agius, imwielda Pieta’ fil-15 ta’ Gunju 1991, u residenti f’Numru 39, St. Rita, Triq San Nikola, Gharghur, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 338991M u **Grace Calleja** ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Paul u Rita nee’ Agius, imwielda Pieta’ fit-18 t’Awwissu 1989, u residenti f’Bini tal-Gvern, Block 2B, Door 2, Flat 3, Gzira Road, Gzira, detentrici tal-Karta ta’ l-identita’ bin-numru

404589M, akkuzati talli fis-17 ta' Mejju 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. iffalsifikaw xi biljetti tal-flus u/jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta' EURO, meta kienu jafu li kienu falsifikati;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghom, biljetti tal-flus ta' valuta' EURO falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' anqas minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Stepan Bonnici, George Mifsud, Charity Shop Pieta', Gracie Micallef, Philip Grech, u Carmelo Vassallo.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50 (3) tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputati jammettu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-aktar mod solenni lill-imputati bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-istqarrijiet rilaxxati mill-istess imputati lill-Pulizija, l-ammissjoni taghhom fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali taghhom u dak li kellhom xi jghidu l-Ufficjal Prosekutur u d-difiza rigward il-piena idonea.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni ta' htija tal-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, wara li rat Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputati Anne Antida Calleja u Grace Calleja

taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputati Anne Antide Calleja u Grace Calleja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputati Anne Antide Calleja u Grace Calleja.

B’riferenza ghall-ahhar tlitt (3) talbiet kif misjuba fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati, u cioé dawk li jirrigwardaw (a) il-konfiska ta’ oggetti, (b) il-qirda tal-biljetti tal-flus foloz jew il-konsenja lill-Bank Centrali u (c) il-hlas ta’ spejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti, tichad it-talbiet in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Ufficjal Prosekutur li (a) ma gewx ezebiti ebda oggetti f’dawn il-proceduri u biljetti tal-flus foloz u (b) ma gewx imqabbda ebda esperti jew periti.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------